**Qorti Civili - Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tar-Rikors Nru: 1153/21JVC**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru: 1550/21**

**Nicholas Farrugia (319260M)**

**vs**

**L.S. Group Limited**

**Illum 1 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors ta' L.S. Group Limited datat 25 ta' Novembru, 2021 li jaqra kif isegwi:

Illi s-socjeta' rikorrenti giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tas-sekwestrant Nicholas Farrugia fl-ismijiet premessi akkordat fit-18 ta' Ottubru 2021.

Illi dan huwa rikors ai termini tal-**artikoli 836 (1) (a) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** in kwantu l-imsemmi Nicholas Farrugia naqas li jsegwi l-mandat ta' sekwestru tieghu bil-kawza opportuna fi zmien ghoxrin jum skond id-dispost tal-artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tant li sallum, aktar minn 5 gimghat wara, ghadu ma ntavola l-ebda att gudizzjarju.

Illi ghalhekk hemm lok li l-mandat odjern jigi revokat fis-shih u li s-sekwestrant Nicholas Farrugia iwiegeb ghall-penali, danni u/jew imghaxijiet skond il-ligi.

L-**Artikolu 843 (1) u (2) tal-Kap 12** jipprovdi illi:

> *(1) Ir-rikorrent ghandu jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat.*
>
> *(2) Jekk is-sekwestrant jonqos milli jaghmel il-kawza minghajr raguni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha.*

Illi in tema legali ssir referenza ghal digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley** (30 ta' Dicembru 2011,Rikors Numru 1067/2011 (JRM)) fejn intqal kif gej dwar Artikolu 836 (1) (a):

> *"Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares b'dak il-Mandat. Jekk min johrog Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni mehtiega fiz-zmien moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal-Mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le."*

Fl-istess digriet il-Qorti irriteniet ukoll illi:-

> *"..... jidher li f'għajnejn il-liġi, il-ħtieġa li l-kawża titressaq fiż-żmien preskritt wara li jinħareġ il-Mandat kawtelatorju, hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependix mill-mottivi jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-parti eżekutanti. Huwa biss bil-kunsens u l-qbil tal-parti eżekutata li ż-żmien biex titressaq il-kawża jista' jitwal."*

Illi peress li s-sub-inciz (2) tal-Artikolu 843 jsemmi "***minghajr raguni tajba***" wiehed ghandu logikament jiddeduci illi talba ghar-revoka ma tintlaqax jekk is-sekwestrant igib 'il quddiem raguni ghan-non osservanza tat-terminu legali li l-Qorti tqis fic-cirkostanzi bhala wahda tajba.

Illi mill-atti jirrizulta li l-mandat ta' sekwestru nhareg fit-18 ta' Ottubru 2021, u ghalhekk it-terminu ta' ghoxrin jum li fih il-kawza fil-mertu kellha tigi intavolata kien jaghlaq fit-8 ta' Novembru 2021.

Illi m'hemmx dubju li s-sekwestrant Nicholas Farrugia ma ghandu ebda raguni valida ghal dan, u ried semplicement jintavola l-mandat ta' sekwestru sabiex jilwi jdejn is-socjeta' rikorrenti biex jottjeni dak li jrid hu.

Illi kif jinghad fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Instacoins Ltd vs Truevo Payments Ltd** (moghti fis-17 ta' Dicembru 2020, Rikors Revoka Numru 763/20RGM):

> *L-**Artikolu 843 tal-Kap 12** ma jaghti lok ghal ebda dubju dwar l-interpretazzjoni tieghu. Sub-inciz 1 jipprovdi tassattivament li rikorrent f'mandat kawtelatorju "**ghandu**" jintavola l-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat u dan **fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat**. Tenut kont li l-ligi ta' procedura hija ligi ta' ordni publiku, mhux konsentit illi tinghata interpretazzjoni wiesgha. Ghall-kuntrarju, hija regolata b'interpretazzjoni stretta in konformita' ma dak espress mill-Legislatur, anke ghaliex ligijiet ta' ordni publiku jaspiraw lejn l-uniformita' fl-applikazzjoni tal-ligi bhal dik li tirregola l-procedura gudizzjarja.*

Illi f'dan il-kaz, ghalhekk, l-effetti tal-mandat ghandhom jitqiesu li waqfu u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna d-debita revoka tal-mandat ta' sekwestru.

**Hlas ta' Penali**

Illi s-socjeta' rikorrenti taghmel ampja referenza ghad-digriet hawn fuq citat fl-ismijiet Instacoins Ltd vs Truevo Payments Ltd f'dan ir-rigward fejn inghad hekk:

> *Is-socjeta' intimata issottomettiet illi huwa biss fejn sekwestrant jibqa' ma jipprezentax il-kawza anke wara li jiskadi t-terminu legali li jkun passibbli ghall-penali. Tissottometti wkoll illi gialadarba ipprezentat il-kawza, m'ghandiex titqies li naqset u dan b'applikazzjoni tal-principju tal-jus superveniens. Fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg sottomissjonijiet ghandhom mill-fieragh. L-unika mod sabiex il-Qorti tqis li sekwestrant ma hux passibbli ghall-penali kontemplat fis-sub inciz 8 tal-Artikolu 836 huwa li jressaq 'il quddiem ir-raguni ghad-dewmien li l-Qorti tqis li tikwalifika bhala raguni tajba. Is-socjeta' intimata ghazlet li ma taghmel xejn minn dan u l-Qorti tikkonkludi fir-rigward illi dan m'ghamlitux ghaliex ma kellha l-ebda raguni valida xi tressaq. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ssibx lis-socjeta' sekwestranti responsabbli ghall-penali kontemplata fil-ligi.*

*Stabbilit illi ma tresqet l-ebda raguni valida ghaliex it-terminu statutorju ma giex skrupolozament osservat; u stabbilit illi l-kawza ma gietxipprezentata fiz-zmien stabbilit mil-ligi, isegwi illi jirrizultaw l-estremi sabiex il-Qorti timponi l-penali kontemplata fis-sub inciz 8 tal-Artikolu 836 fuq citat.*

*Fil-fehma tal-Qorti jekk jirrizulta illi l-kawza ma gietx ipprezentata fit-terminu legali minghajr ebda raguni tajba, id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti ma hiex jekk tordnax jew le penali izda biss jekk tordnax il-minimu, jew il-massimu jew ammont x'imkien bejn il-minimu u l-massimu. Una volta jirrizultaw l-estremi kontemplati fl-artikolu 836 (8) (a) id-diskrezzjoni tal-Qorti tinstab biss fil-quantum tal-penali li l-Qorti ghandha timponi.*
*Is-socjeta' rikorrenti sekwestrata qed titlob permezz tat-tieni talba taghha li l-Qorti timponi l-massimu tal-penali fl-ammont ta' €6,988.12.*

*Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi ghandha timponi l-massimu u dan peress li rrizulta illi l-kawza fil-fatt giet ipprezentata mhux wisq wara li skada t-terminu legali. Il-kawza giet ipprezentata disat ijiem tard. Huwa minnu li l-penali hija imposta sabiex tassigura li minn jitlob u jottjeni il-hrug ta' mandat kawtelatorju jipprocedi minnufih sabiex jiddeduci l-pretensjoni issa kawtelata b'mandat kawtelatojru b'kawza. Tajjeb jinghad illi fil-maggoranza taghhom il-mandati kawtelatorji jinhargu semplicement fuq talba guramentata tal-ezekutant minghajr l-ebda indagini mill-Qorti dwar il-fondatezza imqar prima facie tal-pretensjoni.*

Illi f'dan il-kaz, is-sekwestrant prezenta l-kawza disat ijiem tard. F'dak il-kaz, il-Qorti kkundannatu penali ta' €1,164.69. Issa f'dan il-kaz, is-sekwestrant diga' halla d-doppju taz-zmien jghaddu u ghalhekk certament li l-penali ghandhom jigu kalkolati fil-massimu taghhom.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

(i) tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 836(1)(a) u (f) tal-Kap. 12, kif hawn fuq spjegat u tordna l-hrug tal-kontromandat opportun.

(ii) tordna lis-sekwestrant Nicholas Farrugia jhallas lill-esponenti penali ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sal-massimu prevvist mil-ligi.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghad-danni kollha ga sofferti, u li ghad tista' ssofri, l-esponenti bi htijiet tas-sekwestrant Nicholas Farrugia, fosthom b'rizultat ta' dan il-mandat.

Rat li l-intimat sekwestrant Nicholas Farrugia debitament notifikat permezz tal-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu moghti lilu.

Rat li ghas-seduta tal-lum stess deher ir-rapprezentant tar-rikorrenti sekwestrata u l-Avukat Dr. Alessandro Lia izda l-intimat sekwestrant naqas milli jidher ghalkemm debitament notifikat u mghajjat.

Semghet it-trattazzjoni tar-rikors da parti tar-rikorrenti sekwestrata L.S Group Limited.

Rat l-atti tal-mandat ta' sekwestru 1550/2021.

**Ikkunsidrat;**

Illi b'referenza ghall-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti fejn qed jintalab li din il-Qorti tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta nkontestat mill-atti li s-sekwestrant Nicholas Farrugia naqas milli jipprezenta l-kawza fil-konfront tas-sekwestrata sabiex izomm ferm is-sekwestru odjern. Fil-fatt sal-lum, aktar minn sena' wara ma gew prezentati l-ebda proceduri sabiex izommu fis-sehh il-mandat ta' sekwestru odjern;

Rat ghalhekk li jirrizultaw sodisfatti l-kriterji fit-termini tal-artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat odjern u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba kif kontenuta fir-rikors odjern u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 1550/2021;

Illi b'referenza ghat-tieni talba tar-rikorrenti u cioe' fejn is-sekwestrata qed titolb li s-sekwestrant Nicholas Farrugia jhallas penali ai termini tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-atti ma tirrizulta l-ebda raguni valida ghalfejn is-sekwestrat ma ghamilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mil-ligi. Anzi jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm ir-rikorrenti odjerna ntavolat ir-rikors ghar-revoka tal-mandat lura fil-25 ta' Novembru, 2021, is-sekwestrant Nicholas Farrugia ghamel minn kollox sabiex ma jigix notifikat tant li kellu jigi notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni wara li wkoll kellhom isiru diversi rikorsi fl-atti. Il-Qorti rat li din il-procedura hadet madwar sena sabiex giet finalizzata b'dana li s-socjeta rikorrenti ghamlet sal-lum, oltre minn sena, bis-

sekwestru kontra taghha ghalkemm mhux segwit bid-debita kawza. Il-Qorti in vista ta' din in-non curanza palesi da parti tas-sekwestrant taqbel mar-rikorrenti odjerna li penali fil-minimu taghha mhiex bizzejjed stante li l-kaz odjern huwa kaz car ta' abbuz tal-procedura tal-mandat ta' sekwestru. Tqis li fic-cirkostanzi penali ta' erbat elef Euro (€4,000) hija aktar idonja u sservi ta' trazzin fil-konfront tas-sekwestrant sabiex ma jergax jagixxi b'dan il-mod abbuziv.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti sekwestrata kif suespost fit-termini tal-artikolu 836 (8) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta .

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex;

1. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' sekwestrata rikorrenti u tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi bin-numru 1550/2021 ai termini tal-artikolu 836 (1) (a) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba tas-socjeta' sekwestrata rikorrenti u tordna lis-sekwestrant intimat Nicholas Farrugia jhallas lis-socjeta' sekwestrata rikorrenti L.S. Group Limited penali fis-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) ai termini tal-artikolu 836 (8) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra Nicholas Farrugia u bir-rizerva ghad-danni kif mitlub.

Komunika: Dr. Alessandro Lia

**Onor. Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**